MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 184/2012

**Worldwide Company Limited, gja**
**Worldwide Import and Export Company Limited**
**(C6622)**

**vs**
**Wieslawa Milewska, individwu ta'**
**nazzjonalita Pollakka u residenti l-Polonja**
**ezercenti l-kummerc bl-isem ta' ABC TRADE Wieslawa Milewska, u**
**li huwa registrat fir-registru tal-kummerc ta' Piaseczno bin-numru 15229**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-21 ta’ Frar 2012 li jghid hekk:
1. Illi fl-4 ta' Frar 2011 is-socjeta attrici ordnat minghand il-konvenuta container ta' 20 pied ("20 foot container") ta' skimmed milk powder taht il-kundizzjonijiet pattwiti (Dok. A anness);

2. Illi sussegwentement il-konvenuta baghtet kopja tal-kuntratt u fattura (proforma invoice) (Dok. B u Dok. C annessi) lis-socjeta attrici. Jirrizulta mill-kuntratt illi, kif kien gie miftiehem bejn il-partijiet, il-merkanzija ordnata kellha titghabba immedjatament ("prompt");

3. Illi fil-15 ta' Frar 2011, is-socjeta attrici hallset l-ammont tal-konsenja shiha, u cioe tnejn u erbghin elf u erba' mitt ewro (€42,400.00), lill-konvenuta permezz ta' bank transfer (Dok. D anness), skont ma gie pattwit, u cioe qabel ma ssir it-taghbija tal-merkanzija;

4. Illi minkejja l-kuntratt ta' bejn il-partijiet u minkejja l-pagament effettwat, kif hawn fuq imsemmi, il-konvenuta baqghet ma kkonsenjatx il-merkanzija kif kienet obbligata illi taghmel, u dan minkejja diversi nterpellazzjonijiet mis-socjeta attrici (ara Dok. E anness), u l-anqas ma rrifondiet l-ammont imhallas mis-socjeta attrici lura kif giet mitluba illi taghmel (ara Dok. F anness);

5. Illi minkejja nterpellazzjoni ohra maghmula tramite avukati pollakki fit-30 ta' Awwissu 2011 u notifikata lill-intimata fit-2 ta' Settembru 2011, fejn l-intimata ntalbet li jew tikkonsenja l-merkanzija jew fin-nuqqas il-kuntratt jigi awtomatikament xolt (Dok. G anness), l-istess intimata baqghet inadempjenti u la kkonsenjat il-merkanzija u lanqas ma rrifondiet l-ammont ta' erbghin elf u erba' mitt ewro (€42,400.00).

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-konvenuta tirritorna l-ammont ta' tnejn u erbghin elf u erba' mitt ewro (€42,400.00) lis-socjeta attrici, flimkien mal-hlas tad-danni kagunati lill-istess socjeta attrici minhabba fin-nuqqas tal-konvenuta illi tikkonsenja l-merkanzija kif hawn fuq deskritt.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni,

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta rikorrenti;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Charles Pace, rapprezentant tas-socjeta attrici fejn ikkonferma bil-gurament tieghu d-debitu ghadu kollu dovut kif mitlub fir-rikors promotur;

Billi mill-atti senjatament Dok. A sa G fil-process jirizulta lill-Qorti illi t-talba hi gustifikata in kwantu l-hlas lura tal-prezz tal-merkanzija pero ma hemmx danni x’jigu likwidati stante li ma saru ebda provi ta’ danni sofferti oltre l-hlas tal-merkanzija.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ tnejn u erbghin elf u erba' mitt ewro (€42,400.00), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------